MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 212/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Jacqueline Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Frar, 2009, 10 ta' Frar, 2009, 11 ta' Frar, 2009, 17 ta' Frar, 2009, 18 ta' Frar, 2009, 24 ta' Frar, 2009, 25 ta' Frar, 2009, 3 ta' Marzu, 2009, 4 ta' Marzu, 2009, 10 ta' Marzu, 2009, u l-11 ta' Marzu, 2009 meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lil Silvio Debono ghal bintha, rrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(II) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

sabet lill-appellanti hatja w ikkundannatha gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikorsi tal-appellanti minnha pprezentati fis-17 ta' Gunju, 2009, li bihom talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tillibera lill-appellanti minn kull akkuza w piena jew sussidjarjament tvarja s-sentenza appellata billi tnaqqas il-piena applikata kontriha tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari ta' dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :-

1. Illi in linea preliminari li s-sentenza appellata hija nulla stante li kif gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti ma tistax tordna li diversi processi jigu nkorporati f'process wiehed jew sentenza wahda w ebda disposizzjoni tal-Ligi ma tawtorizzaha li jsir dan.  L-appellanti tifhem li l-Ewwel Qorti agixxiet biex tghin u qed tissolleva din in-nullita' bl-ebda disprezz lejn l-Ewwel Qorti;

2. Illi sussidjarjament u fil-mertu, jirrizulta li l-access ma sehhx bhala konsegwenza ghar-rieda espressa w voluta ta' Jessica Debono.  Fil-kaz in ezami, din ir-rieda kienet deteminanti sabiex l-access ma jsehhx u ma kien hemm ebda abbuz da parti tal-appellanti.  L-Ewwel Qorti rrikonoxxiet li dan il-kaz hija insolita bir-retroxena b'kollox izda l-apprezzament fattwali taghha kienet zbaljata stante l-eta' w l-maturita' tat-tifla, w ir-rieda cara taghha.  L-appellanti taghmel riferenza ghall-Konvenzjoni ghad-Drittijiet tat-Tfal, li ghalkemm mhiex enforzabbli direttament fil-Ligi taghha, l-principji hemm enuncjati ma jistghux jigu injorati.  Senjatament id-dritt tat-tfal li jinstemghu, w li l-opinjoni taghhom jinghata il-piz skond l-eta' w il-maturita' taghhom.  Illi l-minuri Jessica giet prodotta bhala xhud fil-Qorti tal-Magistrati fejn xehdet li hadet hi d-decizjoni li ma tarax lil missierha w ad insaputa ta' ommha kienet baghtitlu messagg.  Irrizulta mill-provi li

kienet Jessica li ma riedetx tmur ma' missierha minkejja l-isforzi ta' ommha. Jessica hija tfajla matura w tfajla li tgharraf tesprimi ruhha w turi il-fehmiet taghha. Dawn l-istess xewqat esprimiethom mal-Avukat tat-Tfal Dr. Stephanie Galea, li fir-rapport prodott in atti wkoll irrakkomandat is-sospensjoni tal-access. Il-prassi tal-Qrati taghna meta t-tfal huma tal-eta' ta' Jessica hu li x-xewqat taghhom jigu rispettati. Il-kamp kriminali, jigi sottomess bir-rispett certament mhux il-forum gust fejn jigu trattati kazijiet b'cirkostanzi daqshekk partikolari w mhux gust li l-appellanti tigi penalizzata ghax-xewqat ta' bintha, liema stat jista' biss jigi indirizzat b' "family therapy" u rimedji li jesorbitaw mill-kompetenza ta' din il-Qorti. Fic-cirkostanzi ghalhekk din ix-xhieda kellha twassal sabiex l-Ewwel Qorti tillibera lill-appellanti mill-akkuzi migjuba kontra taghha stante c-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern.

3. illi sussidjarjament il-piena applikabbli tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u il-kondotta netta tal-appellanti hija eccessiva w harxa kif jirrizulta fit-trattazzjoni f'kaz li din il-Qorti ma taccettax l-aggravji taghha fuq riferiti.

Semghet ix-xhieda mill-gdid tal-minuri Jessica Micallef fl-udjenza tal-lum.

Rat il-verbali registrati fl-udjenza tal-lum u cioe' :-
L-appellanti ddikjarat li kienet qed tirrinunzja ghall-ewwel aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza.

Il-partijiet qablu li nonostante li saru diversi rikorsi tal-appell, din il-Qorti ghandha taghti sentenza wahda li tkun applikabbli ghall-appelli kollha fuq il-lista tal-lum.

Il-Qorti semghet lit-tifla minuri tghid illi dment li missierha jmur jaraha d-dar, biex ma taggravax il-posizzjoni legali ta' ommha, hi tkun lesta li tara lil missierha.

Il-parte civile w l-appellanti qablu li ghal futur isir kull sforz biex dan l-access jinghata bhal qabel fid-dar tal-appellanti, bl-isperanza li t-tifla jkollha xi forma ta' kuntatt ma' missierha.

Il-parte civile iddikjara li dment li ghall-futur jigi osservat dan l-arrangament mhux interessat li l-appellanti tigi kkundannata piena karcerarja.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel aggravju, l-appellanti vverbalizzat li kien qed jigi minnha rtirat u ghalhekk din il-Qorti m'ghanhiex ghalfejn tippronunzja ruha dwaru f'dan l-istadju;

Ikkonsidrat;

Illi kwantu ghall-aggravju l-iehor li jolqot il-mertu, l-appellanti qed tibbazah fuq il-fatt li kienet l-istess minuri – li llum ghandha erbatax il-sena - li ma rieditx tmur ma missierha fil-hinijiet u dati stipulati w dana wara li, fit-30 ta' Jannar, 2009, nqatghet sentenza minn Qorti Kriminali fejn in-nannu patern kien gie liberat minn akkuza ta' eghmil zieni fuq l-istess minuri.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza motivata taghha kienet tal-fehma li f' dan l-agir taghha l-minuri *"kienet konxjament jew inkonxjament*" immexxija minn-ommha l-appellanti w ghalhekk sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjoni.

Din il-Qorti ghalhekk hija msejjha biex tiddeciedi jekk l-appellanti kellhiex raguni xierqa ("just cause", fit-test Ingliz) biex tirrifjuta li taghti access ghat-tifla lil zewgha.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali : **"Il-Pulizija vs. Carmen Tabone Reale"** [25.7.1994] (per V. DeGaeteno J.):-

*"Kif gie spjegat fil-kaz Kanadz R. v. Arthurs, ex p. Port Arthur Shipbuilding Co. [1967] 1 Ontario Reports 272: "just cause" does not mean the same as "proper cause" ; "proper" meaning only "fit, apt, suitable" , whereas "just" has a wider meaning involving equitable considerations" . Ghalhekk biex tara jekk kienx hemm raguni xierqa, u specjalment fil-kamp penali, il-Qorti trid twiezen l-interess*

*li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest."*

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Stivala"** [16.2.2006]:

*"… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-access ghall-ulied minuri, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, dment li ma jippruvax sal-grad tal-probabbli li ghandu raguni xierqa biex jaghmel dan. Altrimenti, din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma' taqax taht il-kompetenza taghha."*

Dan japplika ugwalment ghall-kuntratti ta' separazzjoni li jkunu gew approvati mill-Qorti Civili kompetenti.

Illi fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Joseph Axiaq"** [16.10.2008] din il-Qorti illiberat lill-appellant f' dik il-kawza minn sejbin ta' htija ta' din il-kontravvenzjoni ghax irrizulta li dak ma kienx kaz fejn gie rifjutat l-access ghal xi tifel zghir, ghax il-minuri kellu sbatax (17) il-sena, kien ta' statura w ghamla w portata ta' ragel u kien ta raguni ghala ma kienx ried imur jara lill-ommu w li ma kienx missieru li kien qallu biex ma jmurx jew zammu milli jmur. Mid-domandi li ghamlitlu dik il-Qorti kien jidher li dak il-minuri kellu - kif jghidu bl-Ingliz - *"a mind of his own"* u ma tantx tibdillu fehemtu malajr. Mill-banda l-ohra l-appellant ma setax fizikament igieghel lill-ibnu jmur jara lill-ommu jekk dan kien qed jirrifjuta. Anki kieku stess il-missier baghtu ma kien hemm ebda mod kif jikkostringih imur ammenoche' ma jsejjahx ghal ghajnuna ta' nies ohra biex jibghatuh b'forza fizika. Ghalhekk, dik il-Qorti rriteniet li mhux talli ma jirrizultax li kien l-appellant li naqas milli jibghat jew ihalli lil ibnu milli jzur lill-ommu, imma li addirittura l-appellant kien fl-impossibilta' fizika li jwettaq l-

obbligu tieghu li jimponi dan fuq ibnu riluttanti, ghaliex fil-fatt dan ma kien tifel xejn imma ragel.
Fil-kaz in ezami similment si tratta ta' tfajla ta' erbatax il-sena, zviluppata kemm fizikament kif ukoll mentalment, li qed tirrifjuta li tmur tara lil missierha ghax hassitha traduta minnu meta hu deher qed jiehu l-parti ta' missieru w cioe' nannuha patern, meta dan tal-ahhar gie akkuzat b' eghmil zieni fuqha, nonostante li hu gie eventwalment liberat minn tali akkuza fi process kriminali.

Jidher car li din id-decizjoni kienet tal-minuri stess u l-appellanti ftit li xejn setghet taghmel biex tbiddel il-fehma ta' bintha hlief li tibghata bl-uzu tal-forza fizika ma missierha fil-hinijiet tal-access. Tali agir tal-omm kien ikun certament kontro-producenti w zgur li ma kienx ser iwassal ghal xi titjib fir-relazzjonijiet bejn il-missier u bintu.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------